ST. FRANCIS SECONDARY SCHOOL

EŻAMIJIET TAL-AĦĦAR TAS-SENA 2016

MALTI

L-ISEM: ________________________________ INDEX NO: ______

IL-KLASSI: Form 2 ___ ĦIN: Sagħtejn

ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA u tħalli XEJN barra.
2. Taqbiżx linja fit-tweġibiet tiegħek.
3. Irrevedi l-karta sew.
4. L-ortografija tajba, l-ideat u l-preżentazzjoni pulita jgħinuk tikseb aktar marki.

**TIKTEB XEJN F'DIN IS-SEZZJONI**

SKEMA TA' MARKI GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

| **Sezzjoni** | **A** 20 | **B** 10 | **Ċ** 6 | **D** 16 | **E** 8 | **F** 15 | **Ġ** 15 | Marka taħdit 5% | Marka smigħ 5% | Marka totali 100% |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | | | | | | | | | | |

Kummenti:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

St. Francis Secondary

St. Francis Secondary

## A. Il-Kitba (20 marka)

Ikteb **komponiment** ta’ 250 kelma fuq **wieħed** minn dawn it-titli:

1. Tifkiriet tal-iskola primarja.
2. Ħolma li żammitek thewden fuqha ġurnata sħiħa.
3. Dar abbandunata. Iddeskrivi.
4. Kif tkun il-ħajja mingħajr mowbajl?

**Dan huwa spazju biex tagħmel il-pjan ta’ kitba tiegħek. Kun libera li tikteb dak li tixtieq.**

**Ikteb it-titlu tal-komponiment magħżul u kompli l-kitba tiegħek f’dan l-ispazju provdut.**

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

St. Francis Secondary

St. Francis Secondary

St. Francis Secondary

**B. Taħriġ il-Fehem** (10 marki)

Ta' tnax-il sena meqjusa aktar intelliġenti minn Einstein u Hawking

Tifla Ingliża ta' tnax-il sena li tħobb ħafna l-iskola kienet tħoss li ssib ċerti suġġetti ħfief għaliha u bdiet tissuspetta li hi kemxejn intelliġenti iżjed minn ħaddieħor. Għalhekk xtaqet tagħmel test biex tivverifika sa fejn tasal l-intelliġenza tagħha. Madankollu, qatt ma assumiet li fit-test se ġġib marki aħjar minn ġenji magħrufa bħal Albert Einstein u Stephen Hawking. (para. 1)

Lydia Sebastian għamlet il-*Mensa IQ test* li huwa wieħed mill-aktar testijiet diffiċli li jeżisti biex jivverifika l-livell ta' intelliġenza ta' persuna. Dan it-test normalment isir lil dawk in-nies li huma verament intelliġenti u li jispikkaw fost oħrajn. L-*IQ* (*Intelligence Quotient*) ta' persuna normali jkun bejn ħamsa u tmenin u mija u ħmistax. Albert Einstein u Stephen Hawking huma meqjusa li għandhom *IQ* ta' madwar mija u erbgħin. Madankollu, Lydia ssuperathom it-tnejn billi ġabet riżultat ta' mija tnejn u sittin li huwa l-ogħla riżultat li tfal tal-età tagħha jistgħu jġibu. (para. 2)

F'intervista Lydia qalet li kienet hi li staqsiet lill-ġenituri tagħha biex tagħmel it-test u baqgħet tinsisti magħhom għal sena sħiħa qabel m'aċċettaw. Qalet li qabel m'għamlet it-test kienet qed tibża' li se jkun wisq diffiċli għaliha imma meta bdietu sabitu aktar faċli milli ħasbet li se jkun. Dan it-test dam sagħtejn u nofs sħaħ. Meta mistoqsija minn ġurnalisti dwar il-fatt li hija meqjusa aktar intelliġenti minn Einstein u Hawking, Lydia wieġbet li ma taħsibx li għandha titqabbel magħhom għaliex il-kisbiet li għamlu f'ħajjithom huma straordinarji. (para. 3)

It-tifla qalet li għadha mhix ċerta x'tixtieq tagħmel la tikber. Għalkemm dak li qed tistudja fit-tieni sena Sekondarja qed issibu kemxejn faċli, qalet li s'issa għadha qed tieħu gost l-iskola ma' sħabha u tixtieq tkompli tgawdi l-ħbiberija tagħhom. Hi sostniet kemm huwa importanti li tisfida lilek innifsek u ma tħallix lil ħaddieħor jiddeċiedi għalik x'għandek tagħmel. Żiedet tgħid iżda li probabbli la tikber tkompli tiffoka l-istudju tagħha fuq il-matematika għax huwa wieħed mis-suġġetti l-aktar favoriti. (para. 4)

(artiklu addattat mis-sit www.tvm.com.mt)

**Wieġeb f'sentenza kompluta:**

1. Ma' min qed tiġi mqabbla Lydia Sebastian? (marka)

_______________________________________________

2. Xi xtaqet tagħmel Lydia u kemm damet tistenna biex taqta' xewqitha? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'riżultat irnexxielha tikseb Lydia? (marka)

_______________________________________________

4. Spjega fi kliemek x'wassalha biex tagħmel dan kollu. (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Għaliex taħseb li Lydia tibqa' daqstant umli meta hi tfajla intelliġenti ħafna iżjed minn ħaddieħor? Tista' tirreferi għall-artiklu wkoll. (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Għaliex taħseb li din it-tfajla għandha *IQ* daqstant għoli meta tqis li għad għandha tnax-il sena biss? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

St. Francis Secondary

## Ċ. Għarfien il-Lingwa (6 marki)

**Fisser fi kliemek dak il-kliem immarkat b'linja taħtu:**

1. tivverifika (para. 1) - ____________________
2. straordinarji (para. 3) - ____________________
3. sostniet (para. 4) - ____________________

**Sib il-kelma mis-silta li tfisser bħal:**

4. ħasbet - ____________________
5. bniedem - ____________________
6. tqil - ____________________

## D. Il-Grammatika (16-il marka)

**Aqra din l-informazzjoni u wara imla dak li hu mitlub.**

In-niċeċ u l-istatwi tal-ġebel, magħmula minn ħaddiema b'sengħa kbira, li nsibu fit-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna għandhom marbuta magħhom storja, qima u anki arti. Minn dawn insibu bosta li twaqqfu fis-sekli 17 u 18, iżda l-biċċa l-kbira tagħhom twaqqfu fis-sekli 19 u 20. L-indulġenzi mogħtija mill-isqfijiet ta' Malta, flimkien mal-fanali tal-ħadid li għadhom hemm quddiem xi wħud minnhom huma l-isbaħ xhieda kemm minn dejjem dawn ix-xbihat għeżież kienu marbuta ma' qalb il-poplu tagħna. (para. 1)

Tony Terribile, li kiteb artiklu lilna, jgħidilna li f'xi wħud minn dawn, naraw xogħol dettaljat ta' skultura fina filwaqt li f'oħrajn naraw l-arti popolari magħmula mid-dilettanti. B'danakollu, kollha flimkien dawn in-niċeċ u l-istatwi mxerrdin mal-ibliet u l-irħula tagħna jiffurmaw parti mill-wirt kulturali u reliġjuż tal-gżejjer tagħna. (para. 2)

(Addattata minn pubblikazzjoni li dehret fis-'Sagħtar' tal-1999)

St. Francis Secondary

1. Agħti l-farrad waħdieni tan-nom "ġebel" ________________________
2. X'inhu l-ġens tan-nom "poplu"? ________________________
3. Mill-ewwel paragrafu sib nom fil-kollettiv. ________________________
4. Agħti l-plural sħiħ tan-nom "xogħol". ________________________
5. Sib nom fil-plural miksur mill-ewwel paragrafu. ________________________
6. Sib nom tal-aġent mill-ewwel paragrafu. ________________________
7. Aqleb in-numri fi kliem: "fis-sekli 17 u 18". ________________________

   ________________________
8. Sib eżempju ta' aġġettiv fis-superlattiv. ________________________
9. Sib eżempju ta' pronom dimostrattiv. ________________________
10. X'tip ta' pronom hu użat fil-frażi "tal-ġebel li nsibu"? ________________________
11. Agħti kelma waħda għal "kiteb artiklu lilna". ________________________
12. Sib partiċella mill-ewwel paragrafu. ________________________
13. Sib verb sħiħ mit-tieni paragrafu. ________________________
14. Agħti l-mamma tal-verb "naraw". ________________________
15. X'tip ta' verb hu l-verb "nsibu"? ________________________

**E. Il-Malti Komunikattiv** (8 marki)

1. F'madwar 80 kelma, ibgħat ittra informali lil xi ħadd minn sħabek biex tgħidlu jew tgħidilha dwar film interessanti li għadek kemm rajt.

**jew**

2. F'madwar 80 kelma, ibgħat ittra informali lil ħuk li jgħix barra minn Malta u għidlu kif beħsiebek tqatta' l-vaganzi tas-sajf li ġejjin.

**Isem lil min se tibgħat l-ittra: Joseph/ Josephine**
**Ismek: Diane Pace**
**L-indirizz tiegħek: 93, Triq il-Qronfla, il-Mosta, MST 4010**

St. Francis Secondary

Immarka liema ittra informali għażilt: 1 □ 2 □

St. Francis Secondary

**F. Il-Poeżija** (15-il marka)

Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet dwar kull poeżija.

1. Żewġ strofi meħuda mill-poeżija 'Lin-Naħla' ta' Ġużè Muscat Azzopardi:

"Bieżla bħan-nemla
Bħat-tajr ħafifa
Dejjem fuq tagħha,
Dejjem nadifa."

"Magħluqa f'darha,
Flimkien ma' ħutha,
Dejjem fuq xogħ'lha
Qalbha marbuta;"

**Wieġeb:**

a. Agħti eżempju ta' anafora minn dawn iż-żewġ strofi. (marka)

________________________________________________________________________

b. X'tissejjaħ it-teknika użata fil-kelma "xogħ'lha" u għaliex tintuża? (marka)

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

ċ. Ma' xiex qed tiġi mqabbla n-naħla u għaliex? (marka)

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

d. X'eżempju għandu jieħu l-bniedem minn din il-kreatura li ħalaq Alla stess? Saħħaħ it-tweġiba tiegħek billi tirreferi għall-poeżija. (2 marki)

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

2. Versi meħuda mill-poeżija 'Il-Ħolma t'Alla' ta' Anton Buttigieg:

"irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima,
kif timxi ma' pjanist meta bil-pjanu
jieħdok bil-ħlew fil-ħolma ta' Chopin"

**Wieġeb:**

a. X'forma għandha din il-poeżija u għaliex? (marka)

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

St. Francis Secondary

b. X'tip ta' vers huwa użat f'din il-poeżija u għaliex ? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

ċ. Ma' xiex qed iqabbel il-mixja tagħna l-poeta? (marka)

______________________________________________________________________

d. L-idea li kien iħobb jitkellem dwarha Anton Buttigieg iddur mat-tema ta' din il-poeżija. Fisser aħjar fi kliemek billi tirreferi għal din il-poeżija. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Versi meħuda mill-poeżija 'M'hemmx Għalfejn' ta' Trevor Żahra:

"Kollox dlonk ... perfett ... preċiż ...

Fadal biss oġġett wieħed
Illi baqa' dak li kien,
Li trid timxi dejjem miegħu
Bil-pass tiegħu:
Iż-Żmien!"

**Wieġeb:**

a. X'tikkummenta dwar l-istruttura ta' din il-poeżija? Sewwa sew, kif tispjega l-versi u r-rima f'din il-poeżija? Għaliex taħseb li intużat din it-teknika? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. X'jissejjħu l-puntini fl-ewwel vers imniżżel? X'effett iħallu fuq il-poeżija u fuq il-qari? Spjega fi kliemek it-tieni strofa billi tagħmel enfasi fuq il-kelma "Żmien". (3 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

St. Francis Secondary

**Ġ. Il-Proża** 'Id tad-Deheb' ta' Ivan De Battista (15-il marka)

Aqra din il-parti meħuda mir-rumanz u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

> "Luca ma kellux tpattija f'moħħu. Ried jgħinhom. Ried joffrilhom l-id tal-ħbiberija. Ried li minn dak il-ħażin kollu li kien twettaq, joħroġ xi ħaġa tajba minnu.
>
> Ixxabbat ftit ieħor u offra idu lil Cedric. Dak għall-bidu ġibed idu lura. Staħa minnu. Ma setax jifhem kif dak li kienu għamlulu tant ħsara, dakinhar xorta kien se jgħinu."

1. Kif tiddeskrivi l-karattru ta' Cedric li qed jissemma f'din is-silta? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

a. Ma' min kien jagħmilha Cedric u x'kien l-iskop tagħhom? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. X'tikkumenta dwar il-karattru ta' Luca? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

a. X'kien qed iżommu jħares 'il quddiem f'dak li kien għaddej minnu? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Minn xiex sofra kawża tan-nuqqas ta' rispett minn xi wħud? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Kif tidher r-realtà tal-ħajja f'dan ir-rumanz? (marka)

______________________________________________________________________

a. Ma' min niltaqgħu f'ħajjitna li jnaqqsilna mill-kuraġġ li jkollna? (marka)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

St. Francis Secondary

b. Fil-każ ta' Luca, bis-saħħa ta' min sab il-kuraġġ kollu li kellu bżonn? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Min huma l-eroj tal-lum il-ġurnata? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

a. Min jidher bħala l-eroj f'dan ir-rumanz u b'liema mod wera dan? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA

**F'dan l-ispazju t'hawn taħt tista' tniżżel xi punti jew xi noti għalik marbuta ma' din il-karta.**

St. Francis Secondary